MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 522/2003/1

**Green Skip Services Limited**

**vs**

**Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Frar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti esponiet is-segwenti:

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Awissu tas-sena 2003 (Dok. A), l-intimat ghall-fini ta' l-artikolu 466 tal-kodici

ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili nnorifika lis-socjeta’ rikorrenti b’dikjarazzjoni guramentata (Dok. B) u interpellaha sabiex fi zmien gimgha mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali thallas is-somma ta’ tlett elef, mitejn u tlieta u disghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM3,293.26,0), “Dovut bhala dritt ghad-depozitu ta’ radam … matul is-sena 2002”;

Illi fl-istess ittra ufficjali s-socjeta’ esponenti giet imwissija li fin-nuqqas ta’ hlas jew ta’ oppozizzjoni skond l-imsemmi artikolu 466, l-intimat jghaddi ghall-hrug ta’ mandati ezekuttivi kontra l-esponent skond il-ligi:

Illi l-esponenti m’ghandhiex taghti l-imsemmija somma pretiza mill-intimat, l-Agent Direttur tax-Xoghlijiet, anki ghaliex it-talba tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi tali somma giet komputata b’mod arbitrarju minghajr bazi dokumentali kompleta;

Illi jirrizulta mid-dokumentazzjoni li giet provduta mis-socjeta’ rikorrenti lid-Dipartiment u Awtoritajiet kompetenti illi l-figuri dikjarati huma inveritieri u mhux korraborati b’ebda dokumentazzjoni retta;

Illi s-socjeta’ rikorrenti hija stabbilita fir-riciklar ta’ l-iskart goff u fil-fatt bosta mit-tunnellag ta’ skart allegatament depozitat f’radam gewwa l-mizbla gie effettivament depizitat fuq is-sit tas-socjeta’ esponenti, biex imbghad jigi rkuprat, riciklat u sussegwentement esportat jew mahzun fl-imhazen fuq is-sit ta’ l-istess socjeta’;

Illi ssir referenza ghall-bosta komunikazzjonijiet fuq il-mertu mad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet u rapprezentanti tieghu sabiex jintlahaq ftehim fuq il-kalkolazzjoni tat-tunnellagg effettivament depozitat fil-mizbla, liema komunikazzjonijiet ghadhom ghaddejin sal-gurnata odjerna;

Illi s-socjeta’ rikorrenti tehtieg illi jigi korrettament kwantifikat ir-radam li effettivament gie depozitat gewwa l-mizbla;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett kollu a tenur ta' l-imsemmi artikolu 466 tal-Kap 12, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi t-talba ta' l-intimat Agent Direttur tax-Xoghlijiet fil-konfront tas-socjeta' esponenti kontenuta fl-ittra ufficjali tieghu tat-22 ta' Awissu tas-sena 2003 u fid-dikjarazzjoni guramentata anness maghha bhala infondata, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante l-fatt li nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata l-10 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha espona s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, permezz ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti socjeta' "Green Skip Services Limited" giet interpellata sabiex thallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u disghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM3,293.26,0), rapprezentanti ammont dovut mill-istess rikorrenti ghad-depozitu ta' radam li sar matul is-sena 2002;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dovut mis-socjeta' rikorrenti kien komputat permezz ta' l-uzu ta' '*weigh bridge'*, liema sistema hija l-aktar preciza sabiex jintizen dan l-radam;

3. Illi l-ammont dovut mis-socjeta' rikorrenti jirraprezenta biss l-ammont illi gie komputat hekk kif il-vetturi tas-socjeta' rikorrenti ghaddew minn fuq il-'*wiegh bridge*' ta' l-esponent u dana meta s-socjeta' rikorrenti ghamlet uzu mill-mizbla tal-Maghtab;

4. Illi l-ammont dovut mis-socjeta' rikorrenti ma jinkludix fih radam jew skart iehor illi s-socjeta' rikorrenti ddisponiet fis-sit ta' l-istess socjeta' rikorrenti u dana stante illi l-impjegati tas-socjeta' rikorrenti kienu jinfurmaw lill-impjegati ta' l-esponenti dwar id-destinazzjoni tar-radam jew skart;

5. Illi l-esponenti rcieva biss lmenti mis-socjeta' rikorrenti dwar l-ammont dovut ghad-depozitu ta' radam illi sar matul is-sena 2001 izda fl-ebda kaz ma rcieva lment mis-socjeta' rikorrenti dwar l-ammont dovut ghad-depozitu ta' radam illi sar matul is-sena 2002;

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti filwaqt illi tikkonferma illi s-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u disghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi, (LM3,293.26,0), hija dovuta lil Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta' rikorrenti dovut bhala dritt ghad-depozitu ta' radam illi s-socjeta' ghamlet matul is-sena 2002;

Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti tahdem, tissepara u tiprocessa l-iskart, anke goff;

2. Illi l-procedura odjerna giet intavolata peress li s-socjeta' rikorrenti ssostnili certu materjal kienet tiehdu l-maghtab fit-trukkijiet taghha gia' maghzul u lest u kienu jghadduh direttament ghar-riciklagg f'impjanti ta' l-istess socjeta' u mhux jitfghu fil-Maghtab;

3. Illi t-trukkijiet tas-socjeta' rikorrenti kienu jidhlu mill-bieb principali tal-Maghtab ghaliex l-impjant privat taghhom qieghed il-gewwa aktar u bilfors

ikollhom jghaddu minn fuq il-mizien li kien hemm fil-perjodu de quo;

4. Illi l-istess socjeta' rikorrenti qed titlob lura l-ammont ta' tlett elef, mitejn u tlieta u disghin Lira maltin u sitta u ghoxrin centezmu, (LM3, 293.26,0), bhala dritt ghad-depozitu ta' radam matul is-sena 2002;

5. Illi stante li l-intimat irrifjuta, kellha tittiehed il-procedura prezenti;

Ikkunsidrat;

Illi minn naha tieghu l-intimat isostni, fil-qosor, is-segwenti:

1. Illi fil-perijodu meritu ta' din il-procedura il- Maghtab kien fornit b' "*weighing bridge*" wiehed;

2. Illi meta t-trukkijiet jidhlu fl-'*area'* in dizamina dawn ikollhom bilfors jghaddu minn fuq dan il-mizien appozitu u l-istess jigri meta johorgu vojta wara li jhottu;

3. Illi kollox jgi registrat f'sistema komputerizzata;

4. Illi jirrizulta li f'Lulju tas-sena 2002 dan il-mizien specifiku ittella' 'l fuq aktar mid-dahla tas-socjeta' rikorrenti;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda prodotta ma jirrizultax li s-socjeta' rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi peress li jidher li s-sistema adoperata fil-perijodu kienet taghti lok fl-ahjar ipotesi, ghall-konfuzjoni;

Illi minn naha tieghu l-intimat jirrizulta li ipprova t-talba tieghu ghall-pagament ta' *"dumping charges*" mis-socjeta' rikorrenti stante li dawn jirrizulta li ma thallsux nonostante

li s-socjeta' rikorrenti kienet regolarment infurmata permezz ta' *"invoice"* appozita b'dan, (ara fol 92);

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li ghar-ragunijiet premessi tirrespingi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, takkolji t-talbiet tal-Agent Direttur intimat u tikkundanna lis-socjeta' Green Skip Services Limited biex thallas lill-Agent Direttur Generali tax-Xoghlijiet l-ammont ta' tlett elef mitejn u tlieta u disghin Lira Maltin, (LM3,293.26,0), rapprezentanti dritt ghad-depozitu ta' radam li s-socjeta' rikorrenti effettwat matul is-sena 2002, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` rikorrenti b' dawn iz-zewg aggravji principali:-

(1) L-ewwel Qorti ma messhiex laqghet it-talba ta' l-intimat ghar-raguni li hi dejjem hallset u fil-fatt baqghet thallas il-kontijiet mibghuta lilha ghall-uzu tal-*landfill* tal-Maghtab. In sostenn ta' dan l-aggravju s-socjeta` appellanti esebiet mar-rikors ta' l-appell taghha dokument konfermanti l-fatt li d-debitu pendenti sa l-2003 kien gie minnha saldat;

(2) L-ewwel Qorti naqset milli taghmel evalwazzjoni akkurata tal-fatti provati, tant li lanqas biss ghamlet riferenza ghad-dokumentazzjoni voluminuza esebita minnha;

Ma jidherx li jkun inopportun jekk qabel kull konsiderazzjoni ohra jigu kjariti dawn l-aspetti:-

(1) L-azzjoni propulsa mis-socjeta` appellanti fit-termini tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 hi ntiza biex tarresta l-effikacja ezekuttiva tad-dikjarazzjoni tal-kap tad-dekasteru ntimat (fol. 4), li jsemmi s-subinciz (1) ta' l-istess disposizzjoni;

(2) Preordinatament ghat-talba, jinghad fil-premessi tar-rikors prezentat illi s-somma domandata mill-intimat kienet pretiza infondata fil-fatt u fid-dritt stante li, fil-

fehma tas-socjeta` appellanti, din giet komputata b' mod arbitrarju riferibilment ghat-tunnellagg ta' radam u skart depozitat minnha fil-mizbla tal-Maghtab;

(3) L-ewwel Qorti, fuq il-provi akkwiziti, irrespingiet it-talba tas-socjeta` appellanti diretta biex tinnewtralizza d-dikjarazzjoni ta' l-intimat u allura tat-talba tieghu ghall-hlas tas-somma specifika stabbilita wkoll fl-ittra ufficcjali tat-22 ta' Awissu 2003 (fol. 3). Mhux hekk biss pero`. Dik il-Qorti ghaddiet ukoll biex tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti ghall-hlas;

(4) Ghall-korrettezza strettament l-ewwel Qorti kellha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fir-rikors promotur u ma kellhiex ghalfejn tinoltra ruhha fil-kundanna tal-hlas jew taghmel rizerva dwarha. Ciononostante, dan ma jiddifettax is-sentenza gjaladarba dik il-Qorti okkupat ruhha mit-talba kif inkwadrata fir-rikors promotur tas-socjeta` appellanti;

Precizat is-suespost, jigi mill-ewwel notat illi fil-premessi ghat-talba fl-azzjoni sperimentata mkien ma nsibu dedott illi l-pretensjoni ta' l-intimat ma kellhiex tigi akkolta ghal motiv li l-hlasijiet saru u baqghu jsiru. Ragonevolment l-oppost hu l-kaz. L-ammont pretiz kien qed jigi kontestat proprju ghaliex, kif fuq rilevat, kien hemm dizakkordju da parti tas-socjeta` appellanti dwar il-kwantita` ta' radam li kien qed jigi depozitat fil-Maghtab *landfill*;

Apparti wkoll illi kif gja ntqal l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tinoltra ruhha fil-parti decizorja biex tikkonferma, bid-debita kundanna, is-somma pretiza, lanqas ma kien possibbli ghas-socjeta` appellanti illi fl-istadju ta' l-intavolar tar-rikors oppozitorju taghha (16 ta' Settembru 2003) tqajjem b' gustifikazzjoni l-fatt tal-hlas. Dan ghaliex, kif jirrizulta mid-dokument (Dok. GSS 01) akkompanjanti l-appell, il-ftehim dwar l-ammont pendenti u l-modalita` tal-hlas tieghu intlahaq fit-3 ta' Ottubru 2003. Jissemma fost dan l-ammont is-somma ta' tlett elef mitejn u tlieta u disghin lira, sitta u ghoxrin centezmu (Lm3293.26)

korrisponenti ghal dik tad-dikjarazzjoni ta’ l-intimat bhala dritt ghad-depozitu ta’ radam effettwat matul is-sena 2002. Certament ghalhekk anke ghal din ir-raguni d-dikjarazzjoni ta’ l-intimat fl-istadju tal-prezentata tar-rikors da parti tas-socjeta` appellanti ma setghetx titqies censurabbli u, logikament ukoll, in vista tal-ftehim milhuq *a posteriori* kienet inattakkabbli. L-ewwel aggravju, konsegwentement, ma jimmeritax akkoljiment;

Dwar it-tieni aggravju jibda biex jigi puntwalizzat illi l-provi istruttorji prodotti mis-socjeta` appellanti ma kkonvincewx lill-ewwel Qorti;

Permezz tax-xhud Doris Sammut, *managing director*, il-versjoni tas-socjeta` appellanti hi f’ dan is-sens:-

(a) Il-materjal li jingarr bit-trukkijiet taghha mghoddija fuq il-*weigh bridge* fil-Maghtab, kien destinat ghar-reciklagg fl-impjant taghha sitwat ‘il gewwa mill-*gate* tal-Maghtab;

(b) Hi tghid li saru diskussjonijiet ma’ l-intimat biex jaghmlu xoghol ta’ separazzjoni tar-radam fis-sens li dak li jittiehed ghall-impjant tas-socjeta` ma jigix komputat wara li jigi pezat fuq il-mizien;

(c) Jinghad li l-Gvern ma accettax ghaliex fil-fehma tieghu ma kienx materjal reciklabbli peress li kien imhallat;

Huwa evidenti minn dawn il-fatti illi ma kienx hemm ftehim ma’ l-intimat dwar il-process li kellu jigi adottat u segwit. Mhux hekk biss pero`. Adrian Bonello, Assistant Principal mal-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura, responsabbli mill-Maghtab jaghti wiehed x’ jifhem illi stava ghax-xufiera tas-socjeta` appellanti li jindikaw li certu radam kien intiz ghall-impjant ta’ l-istess socjeta` f’ liema kaz it-trukk kien jintizen qabel ma jaccedi fuq il-post u jissottrattaw il-piz tieghu mill-ewwel ghal skop ta’ kontegg. Fl-assenza ta’ din l-informazzjoni ghall-intimat kien ifisser li t-trukkijiet

kienu ser jarmu l-materjal fil-Maghtab u allura s-socjeta` appellanti kellha thallas skond it-tariffi stabbiliti;

Fl-istat ta’ l-atti processwali u tal-provi prodotti hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi l-ewwel Qorti, kollox ma’ kollox, ezercitat sewwa d-diskretiva taghha u, allura, kif inhu pacifiku din il-Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx, in linea ta’ massima, fl-ezercizzju maghmul hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi, li ma huwiex il-kaz fil-fattispecje prezenti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell tas-socjeta` rikorrenti qed jigi michud u s-sentenza appellata, sa fejn applikabbli, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------